MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 7/2007

**Erika Rapa**

**Vs**

**Raj Kevin Jain**

**Il-Qorti,**

**<u>Kawza dwar annullament ta’ zwieg.</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-23 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet illi:-

Il-kontendenti zzewwgu fl-24 ta’ Gunju 2005, u dan iz-zwieg hu null ghaliex il-kunsens taghhom kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet essenzjali tieghu, jew

b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg skond l-Artikolu 19(1)(d) tal-Att ta' Zwieg (Kap. 225).

Ir-rikorrenti ottjeniet is-separazzjoni civili minn mar-ragel taghha permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat tmienja (8) ta' Mejju elfejn u sitta (2006), fl-atti tan-Nutar Nicholas Briffa.

Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Iz-zwieg tal-partijiet kien null minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ta' dritt ghall-att ta' zwieg a tenur ta' l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 dwar iz-Zwieg.

Iz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien null ghaliex il-kunsens tal-attrici kien inkiseb b'qerq tal-kwalita' tal-parti l-ohra u li mix-xorta taghha kienet tfixkel serjament il-hajja mizzewga ai termini tal-artikolu 19(1)(c) tal-Kap. 255 Dwar iz-Zwieg.

Ghalhekk iz-zwieg celebrat mill-kontendenti fl-24 ta' Gunju 2005 hu null u bla effett.

Talbet l-attrici sabiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-24 ta' Gunju 2005 kien null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi sa mill-ewwel gurnata tieghu minhabba r-ragunijiet u kawzali fuq imsemmija.
2. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti li hemm ezistenti bejn il-partijiet.
3. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg.
4. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti sabiex iz-zwieg hekk dikjarat null jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex ghal kull fini u effett tal-ligi ai termini tad-disposizzjonijiet tal-istess Kap. 255 Dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat baqa' ma wegibx ghat-talbiet ta' l-attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

1. Mill-provi rrizulta li l-kontendenti kienu ghamlu perjodu ta' sena johorgu flimkien. Imbaghad kien hemm perjodu ta' xahrejn li fihom qatghu r-relazzjoni, u sussegwentement regghu bdew johorgu flimkien. Jidher li din is-sitwazzjoni baqghet tirrepeti ruhha ghal tul ta' zmien ghalkemm kien hemm perjodu ta' sentejn fejn jidher li r-relazzjoni kienet wahda kontinwa. Wara l-ahhar darba li nkisret ir-relazzjoni l-konvenut ghamel perjodu ta' hames (5) xhur jipprova jikkonvinci lill-konvenuta sabiex jergghu jibdew johorgu flimkien. F'dan iz-zmien il-konvenut kien beda jitkellem dwar zwieg, u sitt xhur wara li regghu bdew johorgu flimkien bdew jippjanaw ghaz-zwieg.

2. Il-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Gunju 2005. Pero' sfortunatament dan iz-zwieg dam biss ftit xhur. Mill-provi rrizulta kif f'Novembru 2005 il-konvenut qal lill-attrici li kellu bzonn jaqta' ghal ftit u ghalhekk qalilha sabiex tmur tghix f'appartament ta' missierha. Kien hu stess li xi zmien wara qal lill-attrici biex tmur lura, wara li kienet cemplitlu. F'Dicembru 2005 il-konvenut siefer l-Ingilterra. Sahansitra f'dan ix-xahar l-attrici kienet marret ghand *marriage counsellor* ghall-ghajnuna ghaliex kienet qeghda tara li wahedha ma kienx ser jirnexxielha tvinci l-problemi li kellha fiz-zwieg. Min-naha tieghu l-konvenut irrifjuta li jakkumpanja lill-attrici f'dawn il-laqghat. L-affarijiet bdew sejrin minn hazin ghall-aghar sakemm kien il-konvenut li qal lill-attrici sabiex titlaq mid-dar.

3. Il-kawzali that l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tiehu l-forma ta' fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza

jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Ikun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg[simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*. Sabiex l-attrici tirnexxi f' din il-kawzali, tehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b'att posittiv tal-volonta' taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-*bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae*, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, u l-*ben essere* reciproku. Hu permezz tas-sagrficcju, sforz u dedikazzjoni ghall-beneficcju ta' haddiehor li l-persuni jikbru u jimmaturaw l-iktar. Lealta' lejn l-impenn ta' hajja mizzewweg – li t-tnejn ikunu fidili lejn xulxin, li jkomplu b'din il-fedelta' sal-mewt u li jkollhom u jkabbru t-tfal, tikkontribwixxi ghall-gid komuni tal-konjugi. Il-koppja trid tkun preparata anke permezz ta' sagrficcji u rinunzji, li teghleb l-ostakoli kollha li jfixklu t-twettiq taz-zwieg taghhom. Fejn wahda mill-partijiet trid u ghandha l-intenzjoni li tikkuntratta zwieg verament, filwaqt li l-parti l-ohra trid zwieg minghajr xi kwalita' essenzjali tieghu, l-aspetattivi tal-parti li trid zwieg komplet ikunu gew vjolati u ngustizzja gravi tkun giet inflitta fuqha jew fuqu skond il-kaz. Dan hu certament veru fejn is-simulazzjoni tirreferi ghall-aspet tal-prokrejazzjoni fiz-zwieg. Persuna li tidhol fi zwieg ghandha dritt li l-parti l-ohra tkun miftuha ghall-possibiltajiet ta' prokrejazzjoni mill-unjoni taghhom. Ikun ferm ingust li jigi permess li persuna tkun marbuta bi zwieg difettuz fejn ikun hemm nuqqas simili.

Fil-kawza **Anna Galea vs John Walsh** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[1] fit-30 ta' Marzu 1995, inghad li

[1] Imhallef Noel Arrigo.

trid issir distinzjoni bejn l-eskluzjoni tad-dritt u l-ezercizzju ta' dak id-dritt. Dan il-kaz kien jittratta dwar l-eskluzjoni tal-prokrjeazzjoni tal-ulied u tal-att konjugali. Il-Qorti ddefiniet il-prova li trid issir ghal fini ta' dan is-sub-inciz tal-**artikolu 19(1)(f)** fis-sens li :- *"Tali prova tista' issir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens basta li l-Qorti tqishom fic-cirkostanzi kollha tal-kaz li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens cjoe' ghaz-zwieg".*

Imbaghad fil-kawza **Taguri vs Av Christopher Cilia nomine** (Prim'Awla tal-Qorti Civili[2]) deciza fl-10 ta' Novembru 1999, gie osservat:- *"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna li l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

4. Illi d-disposizzjoni li kellu l-konvenut (jew ahjar in-nuqqas taghha) dwar iz-zwieg dehret fil-fatt ftit xhur biss wara iz-zwieg huwa ghazel li ma jridx jaf bil-hajja matrimonjali u wasal sabiex l-ewwel kecciha mill-kamra tas-sodda u mbaghad qalilha sabiex titlaq mid-dar matrimonjali. Hu evidenti li min-naha tal-konvenut kien hemm rifjut totali li jassumi r-responsabbiltajiet li jgiebu mieghu z-zwieg. Ghalih kellu kull dritt li jghid lil martu biex taqbad hwejjigha u tmur tghix fl-appartament ta' missierha ghaliex *"Raj kien qalli li kellu bzonn break"* (fol. 26). Bl-istess mod meta siefer ghal xi granet l-Ingilterra u l-attrici saret taf li kuntrarjament ghal dak li kien qalilha zewgha (li ser ikun qieghed joqghod ghand il-genituri tieghu) mar joqghod ghand hbieb tieghu u talbitu spjegazzjoni, qata' kull kuntatt minn ma' martu. Dan certament m'huwiex agir legittimu ta' ragel mizzewweg, iktar u iktar meta sussegwentement l-attrici kellha tiskopri li l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara ohra. Mill-provi rrizulta wkoll kif il-konvenut qabad johrog mal-hbieb u jdum sat-tard filwaqt li martu tibqa' wahedha (il-familjari taghha kienu kollha

[2] Imhallef Noel Arrigo.

Ghawdex), u meta jirritorna lura lejn id-dar *"…kien jibqa' tiela' dritt fil-kamra tal-bejt u joqghod jiccajta fuq il-kompjuter"* (xhieda ta' Miriam Rapa a fol. 64). Kienu wkoll inqatghu r-relazzjonijiet intimi bejn il-partjiet. Jekk il-konvenut ried ighix hajja minghajr ebda irbit messu baqa' guvni. Sahansitra, skond l-attrici (verzjoni li ma giet bl-ebda mod kontradetta) *"…… Wara ftit Raj kien qalli li minhabba dan l-argument li kellna, hu ma riedx illi jiena norqod fl-istess sodda mieghu u li ma riedx li jkollu tfal minn tieghi u anke illi hass illi r-relazzjoni ma kinitx ser tirnexxi"*. Mill-provi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li hajja ta' zwieg ma kienx hemm bejn il-kontendenti. Tant ma kien hemm l-ebda *commitment* min-naha tal-konvenut li meta l-attrici qaltlu biex jakkumpanjaha ghas-sessjonijiet ta' *marriage counselling*, irrifjuta. Sfortunatament ghall-attrici ghalkemm anke qabel iz-zwieg kien hemm cirkostanzi u sinjali li kellhom iservuha sabiex tintebah li l-konvenut ma riedx irbit[3], hi baqghet tittama li wara z-zwieg jinbidel. Hekk per ezempju jirrizulta li:-

- Ftit qabel ma gie celebrat iz-zwieg il-konvenut ried li wara z-zwieg l-attrici tibda thallsu kera ta' mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar in konnessjoni mad-dar fejn kienu sejrin ighixu li kienet parafarneli tal-konvenut. Sahansitra xahar qabel it-tieg ried li l-attrici thallsu nofs il-valur ta' din id-dar. Kienu marru flimkien ghand nutar u f'hin minnhom il-konvenut talab lill-attrici tohrog mill-ufficcju ghaliex ried ikellem lin-nutar wahdu. Ghaliex l-attrici rrifjutat li takkwista nofs il-fond, kien *"aggressiv lejja u kien tani xebgha bl-ixkupa u kelli tbengila kbira"* (fol. 24).
- Baqa' ghal kollox passiv ghall-preparamenti taz-zwieg;
- Fl-ahhar xhur qabel ic-celebrazzjoni taz-zwieg, l-attur kien qieghed juri ndifferenza lejn din l-okkazzjoni mportanti f'hajtu.

[3] *"Gimghatejn qabel iz-zwieg avvicinajt lil ohti Erika u saqsejtha jekk hix deciza mill-pass taz-zwieg u minn Raj u jekk tafx x'inhi taghmel. Kont qed ninnota li Erika kienet qisha qed tistinka wahedha ghat-tieg imma hi nnegat u qalet li Raj kien qed jghinha. Jiena ma kontx qed nara dan, kont qed nara lil ohti tigri ghal qadjiet u lil Raj rilassat z-zejjed"* (Franceanne Rapa – fol. 55).

- Kien qieghed iqatta' hafna mill-hin tieghu x-xoghol u matul il-weekends ma kienx jakkumpanja lill-attrici Ghawdex. Kien qieghed ukoll jixrob hafna.

It-tama li kellha l-attrici sfumat fix-xejn mhux iktar minn xahrejn wara z-zwieg. Hu evidenti li l-attrici spiccat dahlet lilha nnifisha f'relazzjoni ma' ragel li ma rrendiet l-ebda stabilita' u kuntentizza izda dispjacir u niket. Hu evidenti li meta l-konvenut dahal ghaz-zwieg ma kellu l-ebda intenzjoni li jwettaq l-obbligi u dmirijiet li jgieb mieghu z-zwieg u li jaghmel dawk is-sagrificcji li u jesterna l-impenn li jgieb mieghu l-att ta' zwieg. Fil-fehma tal-Qorti l-atteggjament tal-konvenut wara z-zwieg hi l-aqwa prova ta' dan. Il-verzjoni moghtija mill-attrici hi sufficjentement korraborata mix-xhieda li ressqet, cjoe' Maryann Debattista (fol. 39), Sibikumar Kottammalayh (fol. 43), Franceanne Rapa (fol. 49), Miriam Rapa (fol. 60), u Grazio Rapa (fol. 71) u li l-Qorti tqies li huma kredibbli fil-verzjoni li taw.

5. Fir-rigward tat-tieni talba, din hi superfluwa in kwantu l-komunjoni tal-akkwisti diga' giet xjolta meta fit-8 ta' Mejju 2006 fl-atti tan-nutar Dr. Nicholas Briffa (fol. 6) gie ppubblikat il-kuntratt ta' firda personali. Fil-fatt fi klawzola hamsa (5) jinghad:- *"the parties spouses Jain in virtue of this deed agree to terminate and do hereby terminate and dissolve with effect from today the Community of Acquests which regulated the matrimonial regime….."* (fol. 7). Interessanti hu l-punt jekk zwieg null jistax qatt jaghti lok ghall-komunjoni ta' l-akkwisti li hi wahda mill-effetti civili tac-celebrazzjoni ta' zwieg f'Malta. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Marthese Xuereb vs Anthony Bezzina** deciza fid-29 ta' Mejju 1998:- "*Dan anke jekk din il-Qorti ghandha r-rizervi taghha dwar certi aspetti ta' din il-likwidazzjoni li ma setghetx tipprexindi mill-prinicipju gjuridikament stabbilit illi "Jekk zwieg ikun dikjarat null, <u>l-effetti ta' zwieg validu</u> ghandhom jitqiesu li kienu jezistu favur il-mizzewgin sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret res iudicata - <u>meta l-mizzewgin ikunu zzewwgu in bona fede</u> (art. 20 (1)*

*tal-Kap. 255). Dan l-artikolu jinnewtralizza ghal kollox kull eccezzjoni illi minn zwieg dikjarat null "ab initio" ma tista' tirrizulta ebda komunjoni ta' l-akkwisti. Hu jiddisponi li z-zwieg li jkun ikkontrattat in bona fede jipproduci l-effetti kollha ta' zwieg validu - allura anke r-regima tal-komunjoni ta' l-akkwisti fejn dan ma jkunx gie skond il-ligi eskluz. Effetti li kellhom allura jissussistu anke fir-rigward ta' zwieg hekk imsejjah putattiv. Fil-kaz taht ezami ma tirrizulta mill-atti l-ebda kontestazzjoni dwar il-bona fede tal-kontendenti meta kkontrattaw iz-zwieg".*

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li z-zwieg li kkuntrattaw il-kontendenti fl-24 ta' Gunju 2005 huwa null u minghajr effett ghar-raguni kontemplata mill-Artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) min-naha tal-konvenut.

2. Tichad it-tieni talba.

3. Tichad it-tielet talba in kwantu peress li hi superfluwa mehud in konsiderazzjoni li giet milqugha l-ewwel talba.

4. Tilqa' r-raba' talba u ghalhekk tordna li kopja ufficjali ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex sabiex isiru l-annotazzjonijiet mehtiega fl-Att ta' Zwieg relattiv.

Spejjez kontra l-konvenut, b'dan li l-ispejjez tat-tieni u t-tielet talba jibqghu a karigu ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------